MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1886/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Anthony Aquilina**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' *telephone* bejn il-partijiet anness ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. A, il-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf seba' mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu

(Lm1720.21c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-*telephone* numru 683343 (Klijent numru 333319);

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u *telephone* calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u markat bhala Dok. B;

Premess illi s-socjeta` attrici sejhet diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallasha l-ammont imsemmi izda dan baqa' inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenut m'ghandux eccezzjonjiet xi jressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghat-tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta` attrici qeghda tannetti ma' dan l-att Affidavit (Dok. C) ghall-iskop ta' l-istess artikoli msemmija;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf seba' mija u ghoxrin lira Maltin u wiehed u ghoxrin ccntezmu (Lm1720.21c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-*telephone* numru 683343 [Klijent numru 333319], skond il-prospett Dok. B anness, ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u l-Mandat ta' Qbid npprezentati kontestwalment mac-citazzjoni; u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni - kollha kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-decizjoni moghtija fl-24 ta' Awissu 1999 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn giet michuda l-ewwel talba attrici ghad-decizjoni tal-kawza bid-dispensa tas-smiegh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Procedura Civili;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut wara li nghata din il-fakolta skond il-verbal ta' l-udjenza ta' l-24 ta' Mejju 2000, illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi c-citazzjoni giet prezentata fi zmien il-ferjat tal-Qorti u ghalhekk is-socjeta` attrici ma setghetx titlob li l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167 *et seq.* tal-Kodici Civili;

2. Illi, fit-tieni lok, essendo dejn illi jinkombi fuq il-Komunjoni ta' l-Akkwisti, il-kawza odjerna kellha tigi proposta wkoll kontra Annunziata Aquilina, mart l-eccipjent;

3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghal *overseas* ossija *international calls* illi allegatament saru minn fuq in-numru tat-*telephone* 683343, abbonat lill-eccipjent, li pero` fir-realta` ma sarux minn fuq dan in-numru, u ghalhekk l-eccipjent mhux responsabbli ghall-hlas ta' tali *calls*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni maghmula mid-difensuri tal-kontendenti fl-udjenza tal-11 ta' Lulu 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-kwestjoni li qed tigi hawn ezaminata tirrigwarda t-tieni eccezzjoni tal-konvenut. Dik fejn qed jigi dedott illi "essendo dejn li jinkombi fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti l-kawza kellha tigi proposta wkoll kontra Annunziata Aquilina, mart l-eccipjenti";

Biex isostni din l-eccezzjoni l-konvenut jitlaq mill-premessa illi l-applikazzjoni *ut sic* ghas-servizz tat-*telephone* hu att ta' amministrazzjoni ordinarja. Eppure, jikkontendi wkoll, illi dejn konness ma' dan l-istess servizz jolqot il-komunjoni ta' l-akkwisti u allura z-zewg partijiet fiz-zwieg, kompartecipi f'din l-istess komunjoni, kellhom jigu citati;

Minn naha taghha s-socjeta` attrici ssostni li d-dejn in kwestjoni huwa spiza ordinarja li taghha jrid jirrispondi s-*subscriber* rikonoxxut fit-termini tal-kuntratt sottofirmat minnu. Konsegwentement, fil-fehma taghha, ma kienetx rikjesta l-presenza ta' mart il-konvenut fil-proceduri;

Ghandu jkun pacifiku illi l-Qorti jkollha tiehu bhala fatt l-kontrattazzjoni li saret bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut fit-3 ta' Awissu 1989 (fol. 5). Minnha jirrizulta li kien il-konvenut wahdu li applika ghall-installazzjoni ta' l-apparat telefoniku. Att dan li, kif koncess mill-istess konvenut, ma kienx jehtieg il-kunsens tal-partijiet fiz-zwieg;

Jekk dan hu hekk rikonoxxut, u pacifikament accettat mill-konvenut innifsu, il-Qorti ma ssibx raguni, imbaghad, biex dan l-istess rikonoxximent ma jircevix ukoll applikazzjoni pjena ghal dawk li huma obbligi naxxenti mill-istess kontrattazzjoni u konnessi mas-servizz provvdut bis-sahha ta' l-istess ftehim;

L-obbligazzjoni giet assunta mill-konvenut innifsu bl-imsemmi kuntratt u allura kull hlas ghas-servizz derivanti minnu, jew konness ma' jew emergenti mis-servizz

moghti, ghandu jitqies oggettivament u effettivament bhala obbligu dwar spiza ordinarja u rikorrenti mwielda minn att ta’ amministrazzjoni ordinarja. *Prima facie* ghalhekk din il-Qorti ma tarax li kien necessarju li s-socjeta` attrici tharrek ukoll lil mart il-konvenut meta din ma kienetx parti fil-kuntratt ta’ ftehim;

Il-kontrattazzjoni ghalhekk u kull haga konnessa maghha, kompriz allura il-hlas reklamat ghas-servizz provvdut, ghandha tigi regolata bl-Artikolu 1322(1) tal-Kodici Civili;

Ma jidherx, minn ezami tal-ligi, illi l-materja *de quo* tista’ tigi kwalifikata bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarja jew kazellata taht xi wahda mill-ipotesijiet elenkati fis-subinciz (3) ghall-Artikolu 1322;

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-att ghandu jitqies li jaqa’ fl-amministrazzjoni ordinarja ta’ l-akkwisti. Li jfisser, *ope legis*, u b’konsegwenza illi “l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga”.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kwestjoni billi tichad it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu.

Il-kawza qed tigi differita ghall-kontinwazzjoni u trattazzjoni fil-meritu ghall-15 ta’ Ottubru 2003.

--------------------------------TMIEM--------------------------------